DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

Notamenti

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*3 Att, 4 Xena, p.141 (m)*

## ALISTAIR

**KIENET TQILA, IVA.**

Kienet tqila, iva. U hu kien jaf! Kien jaf! Dejjem kien ikun jaf...

/ Iva, kien jaf. Għax kien jgħir. Għalhekk waħħlet fih li għamilha apposta; għax ma ridhiex ikollha t-tielet waħda… Għax kienet teħodha għaliha biss. Bħalma ħadet lilna u żammitna 'l bogħod minnu. Kien jaf. Għalhekk ma ħafritlux – għalhekk ma riditux aktar hawn ġew.

/ Kont jien li sibtha dak il-lejl wara li taret il-kamra. Ix-Xiħ kien għadu l-isptar u int kont miegħu. Bqajna waħedna – jien u hi. Sibtha hemm barra, ħdejn il-bir, tard filgħaxija, ftit wara li tilfet it-tarbija, tipprova tinħasel. Kienet bagħtitni għall-qabla... Imma jien bżajt. Ma mortx. Meta ġejt lura kienet qed tistejqer, tgħajjat u tixher – issejjaħ 'il-qabla u tisħet lil missieri. Ħdejn il-ħerża kien hemm munzell – kienet ix-xalla tagħha, il-kbira. Ġbartha. Hi ma indunatx mill-ewwel. Kienet imxarrba u ma nafx għaliex ftaħtha… Deherli rajt xi ħaġa tiċċaqlaq... Ftaħtha u rajtha. U bdejt inwerżaq. Hi indunat u werżqet hi wkoll. Qabditha minn idi u xeħtitha għal isfel, ġol-bir. Wara għannqitni magħha, għattietli għajnejja u ħbietli wiċċi f'ħoġorha... u bkiet. Jien… jien ma bkejtx. Bqajt magħha. Ma nafx kemm domna hemm... x'ġara wara. Niftakar stenbaħt l-għada fis-sodda ħdejk. Imma hi qatt ma semmiet xejn aktar fuq li ġara. Lanqas lil missieri. / Imma lbieraħ għedtlu jien. Għedtlu kollox. Għaliex għedtlu?… Ma nafx. Rajtu hemm isfel – tant deċiż – tant medhi biss bil-vendikazzjoni tiegħu, li se jibda mill-ġdid, li sa fl-aħħar se jtajjar il-lukanda, li se jpattihielha… Kelli ngħidlu! F'ġieħ is-sewwa, Mikey! F'ġieħ il-verità! F'ġieħ ommna!… F'ġieħ is-sewwa.

*MICHAEL: Għalfejn ridt tgħidlu imma?*

Il-verità. Kien jaf, imma ma riedx jaraha. Kelli ngħidlu – forsi jifhem u sa fl-aħħar ikun jista' jara kif, u għaliex, aħna hekk.*(<275)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..........................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.141